# ĠABRA TA' QWIEL JEW GĦAJDUT FIX-XHUR TAL-BIEDJA

MINN JOSEPH SCHEMBRI

Din hija ġabra ta' qwiel jew għajdut, li kont nismagħhom igħidu l-gabillotti li wħud minnhom m'għadhomx magħna. Billi minn meta kont daqsxejn ta' tfajjel mill-1959 sal-lum kont midħla sewwa ma' ħafna gabillotti u kont sikwit nismagħhom idaħħlu fi kliemhom xi qwiel jew taqbil, fettilli niġbor dak l-għerf moħbi li llum qajla għadna nisimgħu għax ħafna minn dawn il-gabillotti m'għadhomx magħna. Ta' tifel li kont, kont inżomm xi biċċa karta ta' pitazz u lapes fil-but u niktibhom malli jgħiduhom. Uħud mill-gabillotti meta kienu jarawni niktibhom, kienu jistaqsuni għalfejn qiegħed niktibhom u jien kont nirrispondihom "biex ma ninsihomx".

Dawn il-qwiel jew għajdut mhux bilfors ikunu ivvintawhom huma, imma x'aktarx ikunu ilhom ġejjin minn ilsien għal ieħor għal ħafna ġenerazzjonijiet. Il-verżjoni li ħadt b'tali mod kif kienu jgħiduhom kienet "għax niftakar missieri, ommu, n-nannu jew nanna" jew isemmi lil xi ħadd partikolari kien igħid hekk. F'April min jaf kemm-il darba smajt lin-nanna tiegħi Ġużeppa Farrugia, Alla jaħfrilha, tgħid "April jgħid lill-qamħ 'ikber', il-qamħ jgħidlu 'Ma niflaħx aktar' April jgħidlu 'Mela 'isbel'".

Ftit mill-qwiel huma bħala taqbila u oħrajn m'humiex. Mill-qwiel naraw kif kienet il-ħajja fl-imgħoddi.

Għat-tifsir tal-qwiel inqdejt billi fittixt u qallibt xi kotba. "Il-Bidwi" li kien joħroġ mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura fis-snin erbgħin. Il-fuljett parrokkjali "Il-Mosta", kitba ta' F. Mangion bit-titlu ta' 'L-għerf Bla Miktub tal-Antenati Tagħna' u "Qwiel Maltin ta' Brother Henry F.S.C.

It-tifsir ġbartu billi qrajtu u ħadt l-aħjar minnu. Biċċiet minn dawn il-qwiel ma jinsabu fl-ebda waħda mill-kitbiet t'hawn fuq.

Jien qassamthom xahar b'xahar u taħt kull wieħed mix-xhur niżżilt ukoll kif kien magħruf mal-bdiewa għax huma aktarx ma kinux jafu liema huwa l-ewwel jew l-aħħar wieħed, iżda jqabbluhom max-xogħol tar-raba' jew mal-festi ewlenin tas-sena.

## JANNAR

**Ix-xahar ta' l-Istrina**

Il-Bard ta' Jannar Iqaxxar Ġild ta' Ħmar
*F'dan ix-xahar il-bard u l-ksieħ ġieli jkunu bil-qliel, li wkoll il-ħmar bil-ġilda ħoxna jħossu.*

Jannar Idaħħal il-merħla Ġewwa l-Maqjel
*Bil-maltemp u l-ksieħ li jaf jagħmel Jannar, il-bidwi u n-ngħaġ jibqgħu ġewwa jistkennu*

F'Jannar il-Kaboċċa Agħtija lill-Ħmar
*F'dan ix-xahar il-kaboċċi tkun xriefet u l-ħmar jeħodha bħala għalf.*

San Pawl ta' Jannar (25 ta' Jannar) it-Temp Ibiddel seba' Darbiet
*Qrib San Pawl ta' Jannar it-temp jinbidel kemm-il darba.*

Jannar Għandu Minn Kollox
*Għax bħal ma jaf jagħmel il-maltemp, ġieli jagħmel il-bnazzi wkoll.*

Jannar Kiefer u Frar Għandu d-Dwiefer
*Dawn ix-xahrejn huma tal-maltemp. Jannar jagħmel il-bard u l-ksieħ u Frar ġieli jkun eqqel minn Jannar.*

## FRAR

**Ix-xahar ta' San Pawl**

Fil-Gandlora Joħroġ l-Ors fuq is-Saqqajja, Jekk ixarrab Saqajh Jgħid ix-Xitwa Għaddiet. Jekk le, Jgħid li x-Xitwa għadha Ġejja.
*Fit-2 ta' Frar taħbat il-Gandlora li hija t-tifkira ta' meta Sidna Marija ppreżentat lil Binha Ġesù fit-Tempju. Nhar il-Gandlora mill-Katidral tal-Imdina kien joħroġ il-Kapitlu u jbierek il-kampanja.*

Frar Fawwar Jimla l-Bjar
*Jekk kemm-il darba l-bir ikun għadu mhux mimli bix-xita li ġieli tagħmel, fi Frar jimtela u jfur. Il-bdiewa kienu jgħidu wkoll Frar jagħmel ix-xita ħa j kollna l-uċuħ sbieħ ta' qamħ u jkollna biex nimlew il-matmura (ikollna ħażna kbira ta' għalf għall-bejjem)*

Fi Frar Jinkixfu l-Għawar
*F'dan iż-żmien l-uċuħ tar-raba' jkunu jidhru jekk ġewx 'il quddiem.*

Fil-Gandlora (2 ta' Frar) it-Temp Irara (ibatti, iċiedi), ż-Żunżana Tagħmel Żinn u t-Temp (ix-xita) Tmur 'l Hinn
*Meta jibda jibbnazza t-temp qrib il-Gandlora, nibdew nisimgħu ż-żinn taż-żunżana li din tibni bir-ramel fil-ġebel tas-sejjieħ għax-xemx.*

F'San Mattija (24 ta' Frar) l-Jum Jagħmel Pass ta' Tarbija
*Għax il-ġurnata tkun ilha titwal mit-22 ta' Diċembru sal-24 ta' Frar li tkun twalet siegħa.*

San Mattija Iżra t-Tomnija la Mwaħħra u Lanqas Bikrija
*It-Tomnjia, jiġifieri dawk l-uċuħ tar-raba li jinżergħu fi kwantità żgħira bħal ful, piżelli, ġulbien, eċċ (dejjem għan-naħa tagħna s-Siġġiewi)*

Fi frar Kull Siġra bl-Inwar
*L-inwar huma l-blanzuni. L-aktar għall-fjuri selvaġġi*

**MARZU**
**Ix-xahar tar-riħ**

Marzu Marzellu Aqla' l-Bieb u Waħħal ir-Rixtellu

*Għax ikun ġej is-sajf. Għall-aħħar tax-xahar ta' Marzu, il-kesħa tibda ċċedi xi ftit.*

Marzu Marzellu Jaħraq il-Moxt u r-Rixtellu

*Billi fl-antik ma kienx hawn dawk il-kumditajiet kollha li għandna llum bħal ma huma 'heaters, cookers' eċċ, il-ħatab kienu joħorġu jiġbruh biex bih isajru jew isaħħnu. Taħraq illum u taħraq għada, il-ħatab jinħela wkoll. Il-moxt u r-rixtellu huma parti ta' l-injam minn newl tan-nissieġa li bih kienu jinsġu d-drappijiet.*

Burraxka Xita Ħruġ Marzu u Dħul April Tiswa Karru Deheb fin

*Il-wiċċ ta' l-art jibda jixxotta, għalhekk hemm bżonn ftit tax-xita aktar biex l-uċuħ tar-raba' jkollhom it-tira. It-tira tiswa ħafna, kemm għas-siġar u kemm għal dawk l-uċuħ tas-sajf.*

F'Marzu, Kull Għasfur Ifittex lil Martu

*F'dan ix-xahar l-għasafar jaħsbu biex ibejtu*

Il-Bard ta' Marzu Jidħol fl-Għadam u l-Fart Iħossu f'Qarnu

*Għax tkun ħafna kesħa fina li anke l-fart (il-barri) jħossu.*

Ix-Xemx ta' Marzu Tweġġgħa r-Ras

*F'Marzu tispiċċa x-xitwa u tibda r-rebbiegħa. Xi ġurnata bix-xemx jibda jkollna wkoll. Kont tismagħhom u għadna nisimgħuhom jgħidu "La toqgħodx għax-xemx tal-lum".*

**APRIL**
**Ix-xahar tal-ħsad tas-silla**

April Jgħid lill-Qamħ 'Ikber', il-Qamħ Jgħidlu 'Ma Niflaħx Aktar, April Jgħidlu 'Mela Isbel'.

*Jekk l-art ikun fiha t-tira, l-qamħ ikompli jikber iżjed u jaqta' sbul prim ta' kwalità tajba. Jekk le, l-qamħ jaqta' s-sbul imkemmex, is-sbula tkun misbuka u nieqsa mid-dqiq.*

April Irid Ħobża Kbira fil-Mendil

*Mendil hija xi ħaġa li fiha ġġorr bħala sarvetta. Issa l-bidwi jkollu jaħseb għall-ħobża kbira biex ikun jista' jiekol matul il-ġurnata għax idum ma jidlam.*

Min Jitlob Għax-xita f'San Mark (25 ta' April) Ikun Jitlob in-Nar fl-Art

*F'dan iż-żmien jekk tagħmel ix-xita, l-art tisħon sewwa u l-uċuħ jekk ma taħdimhomx ma jiġux 'il quddiem. Tagħmel ħsara lill-qamħ u x-xgħir għax l-art teħmer (tiffermenta, tagħmel saħna kbira). Ħsara wkoll lis-silla li tkun maħsuda u l-bidwi jkollu jqalleb l-għamar ta' taħt fuq u jkollu jgħatti bl-inċirata l-imniezel tas-silla.*

April Imut mal-Bard u Mejju Jrid il-Ward

*F'April jispiċċa l-bard u l-kesħa u f'Mejju l-ġonna tkun miżgħuda bil-ward.*

April Jagħmel il-Fjuri u Mejju Jieħu l-Unuri Kollha

*F'April jiftaħ il-ward u f'Mejju jieħu l-unuri billi jiftaħ il-ward li jkun fadal.*

(ikompli f'ħarġa oħra)

## IL-KUNSILL PARROKKJALI

Il-Kunsill ltaqa' fl-10 ta' Novembru, 1989 u bħala aġenda kellu l-Milied u l-Kummissjonijiet fil-Parroċċa.

Fil-laqgħa tad-9 ta' Diċembru 1989, l-aġenda kienet il-Kummissjonijiet fil-Parroċċa u l-Festa tas-Sagra Familja.

Meta erġa' ltaqa' fit-12 ta' Jannar, 1990 ġiet diskussa d-data tal-Griżma tat-tfal u ż-Żjara tal-Missjoni ż-Żgħira fil-Parroċċa.

Fil-laqgħa tas-16 ta' Frar, 1990 l-aġenda kienet ir-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira.

Meta reġa' ltaqa' fid-9 ta' Marzu, 1990 reġa ġie diskuss u mfassal il-Programm tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-proġett Librerija Parrokkjali

**Georgina Camilleri,**
**PRO Kunsill Parrokkjali**

## IL-ĠIMGĦA TAS-SAGRIFIĊĊJU

Bejn il-Festa tad-Duluri u l-Għid il-Kbir issir il-Ġimgħa tas-Sagrifiċċju. Fiha aħna mistednin biex nagħtu offerta ta' karità lil min jinsab fil-bżonn. Din il-karità hija parti mill-ħidma tagħna ta' Nsara matul ir-Randan.

Ħdejn il-bibien tal-Knisja ikun hemm kaxxi biex fihom nitfgħu l-offerta tagħna.

Nippruvaw nkunu ġenerużi u l-Mulej irrodilna bil-kotra dak li nagħtu lilu.

**TOUR TAL-ĦBIEB**

**Mit-22 ta' Lulju sal-1 ta' Awissu, 1990**

**ĠERMANJA: Münich, Füssen, Oberammergau**

**AWSTRIJA: Salzburg, Vjenna**

**• HALF BOARD • POSTIJIET LIMITATI • PROGRAMM JISTA' JINBIDEL XI FTIT**

***Aktar dettalji minn għand Dun Nikola Aquilina (Tel: 605511)***